MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 137/2006

**Atlas Insurance Limited (C5601), f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Valhmor Borg Imp/Exp Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2007 isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal "Atlas Insurance PLC Limited"**

**vs**

**Falcotrans Limited (C 8284)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma komplessiva ta' elf seba' mija u tlieta u disghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,793.27c), rapprezentanti danni ghal nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-survey relattiv, bhala s-socjeta' inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema konsenja waslet

Malta fuq il-bastiment MV Majestic fl-20 ta’ Marzu, 2006, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta’ attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Fl-ewwel lok in-nullita’ ta’ dan l-avviz stante illi bl-emendi li gew fis-sehh fl-1 ta’ Frar 2006 (jew data ohra verjuri) il-proceduri civili fil-Qorti tal-Magistrati ghandhom jingiebu permezz ta’ rikors u mhux permezz ta’ Avviz.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu pruvati skond il-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet in-nullita’ ta’ l-avviz peress illi l-proceduri kellhom ikunu permezz ta’ rikors u mhux dak ta’ l-avviz.

Permezz ta’ verbal tad-19 ta’ Gunju 2006 fuq talba tas-socjeta’ attrici, l-Qorti ordnat il-korrezzjoni ta’ l-isem il-proceduri fejn kellha tigi kancellata l-isem ta’ *‘avviz’* u sostitwita b’dak ta’ *‘rikors’*. B’hekk giet sanata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u issa l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-vapur MV Magestic is-socjeta' Valhmor Borg Imp/Export impurtat Malta kwantita' ta' merkanzija fl-20 ta' Marzu 2006. Is-socjeta' Valhmor Borg kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex din torganizza t-trasport u twassal il-merkanzija sa l-imhazen taghha Malta. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Peter Busuttil ikkonferma li kien hemm dan l-arrangament u kienet responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta illi taghmel kuntatt ma' l-agenti taghha barra minn Malta sabiex tigbor il-merkanzija, titpogga fil-*container* u titwassal Malta.

F'dan il-kaz il-*container* kien wiehed *groupage* fejn allura kien hemm fih merkanzija ta' terzi. Meta l-c*ontainer* wasal Malta infetah mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u twassal ghand l-imhazen ta' Valhmor Borg bis-sigill tieghu miksur. Meta Evan Degiovanni "*warehouse and distribution officer'* mas-socjeta' Valhmor Borg beda jhott il-merkanzija, nnota li kien hemm xi diskrepanzi u kien hemm xi kaxxi neqsin.
A fol 19 Dokument PS 5 gharaf il-firma tieghu hdejn il-lista tal-merkanzija illi giet nieqsa. Hdejn il-firma tieghu hemm firma ohra li qal illi kien ir-rapprezentant tal-Falcotrans. Dan ir-rapprezentant ma giex identifikat.

Peter Busuttil Legal Assistant mas-socjeta' konvenuta a fol 37 ighid illi l-arrangament mas-socjeta' Valhmor Borg kien illi tithallas il-merkanzija skond it-tunellagg u dak li huma kuntrattaw ghalih wassluh ghand is-socjeta' Valhmor Borg u ghalhekk dehrilhom li ma kellhomx ikunu responsabbli ghal nuqqasijiet. Qal illi r-rapprezentant tal-Falcotrans ma kienx prezenti waqt li l-merkanzija kienet qed tinhatt, ghad li jista' jkun li kien hemm id-driver illi wassal it-truck ghand is-socjeta' Valhmor Borg. Spjega illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet mgharrfa li kien hemm xi nuqqasijiet, l-invoice tal-hlas intbaghat fl-intier tieghu u kien ibbazat fuq il-piz tal-merkanzija illli giet impurtata mis-socjeta' Valhmor Borg. Spjega wkoll illi mal-wasla tieghu Malta l-merkanzija ta' Valhmor Borg ma gietx imwiezna u ghalhekk baghtu l-kont taghhom skond il-piz dikjarat li gie mhallas fis-shieh.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi l-Qorti ssib illi s-socjeta' konvenuta ghandha tkun responsabbli ghal nuqqasijiet li sofriet is-socjeta' Valhmor Borg u li sussegwentement kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici. Is-socjeta' Valhmor Borg kienet ikkuntrattat lis-socjeta' konvenuta sabiex dina twassal il-merkanzija fl-imhazen taghha u meta dina waslet kien fiha n-nuqqasijiet. Il-fatt illi l-arrangament bejn is-socjeta' Valhmor Borg u Falcotrans kien illi l-merkanzija tithallas skond il-piz, ma taghmilx differenza ghar-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta illi twassal il-merkanzija shiha. L-arrangament dwar il-piz huwa biss arrangament dwar il-modalita' tal-hlas li ma tezonerax is-socjeta' konvenuta mir-responsabbilta' tan-nuqqasijiet jekk jirrizulta illi dawna huma imputabbli ghaliha. Irrizulta mill-atti illi s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lill-agenti taghha l-Italia sabiex dawn jaghmlu kuntatt mas-supplier u jsiru l-arrangamenti ghat-taghbija tal-merkanzija. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli tramite l-agenti ghal tghabbija tal-merkanzija, t-trasport ghal Malta u l-konsenja fl-imhazen tas-socjeta' Valhmor Borg.

Jista' jaghti l-kaz illi l-agent tas-socjeta' konvenuta naqas fid-doveri tieghu waqt li kien qieghed jghabbi l-merkanzija, pero' *vis-a-vis* il-mandanti, s-socjeta' konvenuta xorta tibqa' responsabbli peress illi r-relazzjoni kuntrattwali qieghda diretta bejn is-socjeta' Valhmor Borg u dik Falcotrans u mhux ma' l-agent ta' Falcotrans fl-esteru. Gie ppruvat illi wara li gew riskontrati n-nuqqasijiet is-socjeta' Valhmor Borg ghamlet claim mas-socjeta' attrici ghar-risarciment tad-danni, kawza tan-nuqqas tas-socjeta' konvenuta. Sar survey kif jidher a fol 15 tal-process u sar id-debita hlas fejn allura s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Valhmor Borg u permezz ta' dan istitwiet dawn il-proceduri.

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-Ligi. Ir-responsabbilta' tan-nuqqasijiet ghandha tkun netta fuq spallejn is-socjeta' konvenuta li hadet hsieb il-logistika tat-trasport kollu tal-merkanzija mill-esteru ghall-imhazen tas-socjeta' Valhmor Borg u

darba gew riskontrati nuqqasijiet li ma gewx ikkontestati mis-socjeta' konvenuta, allura din ta' l-ahhar ghandha tkun responsabbli. L-iskuza ta' l-arrangament fuq il-piz tal-merkanzija ma taghmilx differenza ghar-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Kif inghad dak kien arrangament bhala modalita' ta' hlas li ma ghandhux jaffettwa tali responsabbilta'.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma komplessiva ta' elf seba' mija u tlieta u disghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,793.27c), rapprezentanti danni ghal nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-survey relattiv, bhala s-socjeta' inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment *MV Majestic* fl-20 ta' Marzu, 2006, liema danni kienu mhallsa mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------